# REĠJUN ĊENTRU

## MINUTI

### Laqgħa tar-Reġjun Numru 27

## IT-TIELET LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 27

It-Tlieta 24 ta' Settembru, 2019

Ir-Reġjun Ċentru ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Uffiċċju Amministrattiv, 33, Triq il-Qasab, San Ġwann, fil-5:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Michael Fenech Adami – President
Is-Sur Stefan Cordina – Sindku Ħ'Attard
Is-Sinjura Joanne Debono Grech – Sindku Birkirkara
Clayton Luke Mula – Viċi Sindku San Ġiljan
Is-Sur Conrad Borg Manché – Sindku Gżira
Dott. Dorian Sciberras – Sindku Iklin
Dott. Angelo Micallef - Viċi Sindku Ħal Balzan
Is-Sur Keith Tanti – Sindku Pieta'
Is-Sur Stephen Sultana – Sindku Santa Venera
Is-Sinjura Romina Galea – Viċi Sindku l-Imsida

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sur Anthony Chircop – Sindku tas-Sliema

ASSENTI

Is-Sur Anthony Dalli – Sindku Ħal Lija
Is-Sur Trevor Fenech – Sindku San Ġwann
Is-Sur Maximillian Zammit – Sindku Ta' Xbiex

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Jeanette Galea – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, qal it-talba w ippresjeda l-laqgħa.

## 27.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

27.1.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, qara l-ittri ta' apoloġija mingħand is-Sindku ta' Santa Venera, is-Sur Gianluca Falzon, u informa lil dan ir-Reġjun li ser ikun qed jattendi s-sostitut, is-Sur Stephen Sultana. Inqrat ukoll l-ittra ta' apoloġija mis-Sindku ta' tas-Sliema, is-Sur Anthony Chirciop, u s-sostitut ma setax jattendi lanqas minħabba li kellha tinżamm laqgħa tal-Kunsill.

27.1.2 Il-membri preżenti unanimament aċċettaw dawn l-ittri ta' apoloġija.

## 27.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

27.2.1 Il-Minuti tas-Seduta numru 26 li saret nhar it-Tnejn 26 t'Awwissu 2019 kienu meħuda bħala moqrija.

27.2.2 Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tas-Sindku ta' Ħ'Attard, is-Sur Stefan Cordina, u sekondati mis-Sindku tal-Gżira, is-Sur Conrad Borg Manche.

## 27.3 Komunikazzjoni mill-President

27.3.1 Il-President qassam iċ-ċekkijiet lil membri preżenti kif kien ġie deċiż fil-laqgħa preċedenti u kull membru ġie mitlub jiffirma li ċ-ċekk ser ikun qed jgħaddih lil Kunsill rispettiv tiegħu u jitpoġġew fil-kont bankarju li jikkonsisti bil-flus mir-Reġjun biss.

27.3.2 Il-President fakkar ukoll li ftit tal-ġranet qabel il-laqgħa s-Segretarju Eżekuttiv bagħtet l-ammonti aġġornati sa Lulju 2019 li kull Kunsill Lokali għandu mill-PA Funds u inkoraġġixxi lil kull Kunsill sabiex dawn il-flus jintużaw fi proġetti mill-aktar fis possibli, b'mod speċjali dawk il-Kunsilli Lokali li għandhom ammont sostanzjali fejn qabel ma jintużaw, l-Awtorità ta' l-Ippjanar ma tkunx tista' iżżid il-flus.

27.3.3 Il-President ressaq emejl li rċieva mill-banda ta' San Ġiljan sabiex imorru jdoqqu Sqallija għal Memory Day u għandhom spiża ta' €15,000 u għal din ir-raġuni talbu sabiex ir-Reġjun jgħin b'mod finanzjarju.

27.3.4 Il-membri preżenti ma sabu l-ebda oġġezzjoni però jekk ser tingħata għajuna finanzjarja, l-istess somma għandha tingħata lil kull Kunsill Lokali l-istess. Kien hemm min qal ukoll li hemm lokalitajiet fejn għaqdiet ta' baned m'hemmx fil-lokalità.

27.3.5 Il-President waqqaf din id-diskussjoni peress li aktar 'il quddiem din l-idea tistà tkun inkorporta f'proġett li kien ser jiġi spjegat aktar 'il quddiem fil-laqgħa.

## 27.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Membri

27.4.1 Il-President, is-Sur Fenech Adami, informa lill-membri li ma kien hemm l-ebda mistoqsijiet imressqa mill-membri.

## 27.5 Rapporti

27.5.1 Il-President, is-Sur Fenech Adami, informa lill-membri li ma kien hemm l-ebda rapport x'jiġi ppreżentat f'din il-laqgħa.

## 27.6 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tar-Reġjun li jkunu meħtieġa

- *Formola ta' Proposti – Fondi għall-Attivitajiet u Inizjattivi Kulturali u Soċjali*

27.6.1 Il-President, is-Sur Fenech Adami, ressaq fuq il-mejda l-formola kompluta b'kull proposta li kienet ġiet diskussa matul l-aħħar żewġ laqgħat tar-Reġjun.

27.6.2 Il-membri preżenti unanimament approvaw din il-formola u għal din ir-raġuni s-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Jeanette Galea, għandha tibgħat din il-formola lill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali għall-approvazzjoni tagħhom.

- *Allokazzjoni Finanzjarja*

27.6.3 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri preżenti bl-emejl li dan ir-Reġjun irċieva nhar is-27 t'Awwissu 2019 mingħand is-Sa. Anna Vella (mill-MJCL) fejn ġew indikati li l-ammont ta' allokazzjoni għal perjodu mill-1 ta' Ġunju 2019 sal-31 ta' Diċembru 2019 ser tkun €357,224.17.

27.6.4 Il-President spjega li din l-allokazzjoni daħlet fil-kont bankarju tar-Reġjun nhar it-Tlieta 3 ta' Settemrbu 2019.

27.6.5 Il-President żied jgħid ukoll kif waqt laqgħa li l-President u s-Segretarju kellhom mad-Direttur Ġenerali, reġa ġie mitlub sabiex jattendi l-laqgħa tar-Reġjun u jgħati spjegazzjoni ċara ta' kif għandha titnefaq l-allokazzjoni.

- *EU Funds Officer*

27.6.6 Il-President għamel referenza għal kuntratt li dan ir-Reġjun għandu mal-kumpanija EMCS Ltd. u kif dan ir-Reġjun talab direzzjoni mingħand id-Direttur (Monitoraġġ u Sapport), is-Sur Christopher Galea, u spjega kif id-Dipartiment qiegħed iħejji sejħa għall-offerti ta' EU Funds Officer sabiex jagħtu assistenza lill-Kunsilli Reġjonali u Lokali fl-imaniġġjar tal-programmi li jkunu iffinanzjati mill-fondi ta' l-Unjoni Ewropea.

27.6.7 Il-President kompla jispjega kif is-Sur Galea qal li din is-sejħa dejjem għandha madwar erba' xhur biex tiġi konkluża u għalhekk għandha tingħata direzzjoni mid-Direttur (Strateġiji u implimentazzjoni ta' *policies*), mis-Sa. Marisa Pisani, dwar jekk dan ir-Reġjun jistax joħroġ sejħa ta' offerti għal perjodu ta' sena.

27.6.8 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sa. Galea, ikkonfermat li ma kienet għadha ntagħatat l-ebda direzzjoni mingħand is-Sa. Pisani.

- *Scanning ta' Dokumenti*

27.6.9 Il-President informa lill-membri preżenti kif aktar kmieni dakinhar kienet saret laqgħa mad-Direttur Ġenerali, is-Sur Natalino Attard, u id-Direttur Monitoraġġ u Sapport, is-Sur Christopher Galea, flimkien miegħu bħala President, is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun, is-Sa. Galea, ir-Reġistratur tat-Tribunal Ċentru. Hu żied jgħid li peress li din il-problema tinsab ukoll fit-Tribunal tax-Xlokk għal din il-laqgħa kien hemm preżenti ukoll is-Segretarju Eżekuttiv tax-Xlokk, is-Sa. Antonella Galea.

27.6.10 Il-President spjega li wara saret diskussjoni fit-tul dwar il-problema, id-Diretturi preżenti qal li din il-problema għandha tiġi diskussa f'laqgħa li għandhom skedata mal-Ministru, Dott. Owen Bonnici matul il-ġimgħa u tingħata tweġiba

- *Kompjuters*

27.6.11 Il-President informa lill-membri preżenti li l-kumpanija Keyin infurmat lis-Segretarju Eżekuttiv li – kompjuters li għandhom il-Windows b'verżjoni 6 għandhom jiġu upgraded għal verżjoni numru 10. Dan iffisser li hemm total ta' seba' kompjuters, wieħed minnhom fl-uffiċċju tat-Tribunal, li għandhom jinbidlu. L-ispiża ta' kull kompjuter ser tkun dik ta' €110 (VAT mhux inkluż).

27.6.12 Il-membri preżenti unanimament qablu dwar dan.

- ***Suġġeriment għal Inizjattivi***

27.6.13 Il-President spjega kif waqt il-laqgħa li hu kellu mad-Direttur għall-implimentazzjoni ta' Strateġiji u *Policies*, is-Sa. Marisa Pisani, hi talbet lil kull Reġjun jiġbor s-suġġerimenti mingħand il-Kunsilli Lokali sabiex dawn jiġu mgħoddija għall-attenzjoni tagħha u b'hekk tkun tista' tinħareġ inizjattiva li tkun qed tolqot dawn ix-xewqat.

- ***Audit mill-LESA***

27.6.14 Il-President informa lill-membri preżenti dwar l-emejl li dan ir-Reġjun kien irċieva nhar it-Tlieta 10 ta' Settembru 2019 mingħand is-Sur Svetlick Flores (LESA) fejn l-uffiċċju ġie mitlub sabiex jibgħat kopja ta' l-invoices li huma relatati ma' l-ispejjeż tat-Tribunal biex dawn ikunu jistgħu jiġu awditjati mill-kumpanija Grant Thornton.

27.6.15 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Galea, spjegat li dawn l-invoices bdew jiġu ppreparati hekk kif kienet waslet din il-komunikazzjoni u dawn ser jiġu mgħoddija ftit tal-ġranet wara.

- ***Ċirkulari AKL 2019/112 – Skema Wifi4EU***

27.6.16 B'referenza għal din iċ-ċirkulari s-Segretarju Eżekuttiv talbet sabiex dan ir-Reġjun japplika għal din l-iskema sabiex din tkun tista' tintuża fl-uffiċċju tat-Tribunal għall-użu tan-nies li jkunu qed jistennew fil-*waiting area*.

27.6.17 Il-membri unanimament approvaw dan.

- ***Seminar***

27.6.18 Il-President informa lill-membri preżenti dwar seminar ta' informazzjoni fuq bażi reġjonali dwar l-ippjanar u mmaniġjar bażiku tal-ilma li qed jiġi organizzat mir-Reġjun Ċentru b'kollaborazzjoni mal-*Malta Regional Development and Dialogue Foundation*.

27.6.19 Peress li ser ikunu qedin jattendu mill-inqas persuna waħda minn kull Kunsill Lokali, dan is-seminar ser isir darbtejn, nhar it-Tnejn 14 ta' Ottubru 2019 u nhar l-Erbgħa 16 ta' Ottubru 2019 fl-uffiċċju amministrattiv tar-Reġjun.

- ***Paper Shredder***

27.6.20 Il-President spjega kif il-*paper shredder* li kellha tinxtara mingħand Scan (PC Options Ltd.) ma setatx tinxtara minħabba li l-mudell mhux ser jibqa jsir u għal din ir-raġuni, fuq rakomandazzjoni tal-PC Technicians, dan ir-Reġjun għażel mudell ieħor b'valur ta' €525.00 (VAT inkluża).

27.6.21 Il-President ġibed l-attenzjoni kif l-ammont jibqa irħas miż-żewġ kwotazzjonijiet oħra li kienu tressqu qabel.

27.6.22 Il-membri preżenti qablu dwar dan.

- ***ESC Plan***

27.6.23 Il-President ressaq fuq il-mejda erba' proposti ta' proġetti li għandhom isiru mill-fondi li dan ir-Reġjun kien ingħata taħt l-ESC Plan. Hu sjega kif minn dawn il-flus diġa kien inħareġ it-tender sabiex ikun hemm servizz ta' EU Funds Officer, li fil-preżent dan qiegħed jingħata mill-kumpanija EMCS Ltd.

27.6.24 Wara spjegazzjoni dettaljata mill-President, il-membri preżenti unanimament approvaw dawn il-prosposti u għal din ir-raġuni s-Segretarju Eżekuttiv għandha tinforma lid-Direttur ta' l-iskemi, is-Sa. Marisa Pisani, dwar din id-deċiżjoni.

27.6.25 Il-President semma wkoll kif minn dan il-fond ser ikun hemm ħlas għal *project coordinator* sabiex jieħu ħsieb jara li dawn il-proġetti mixjin kif suppost.

27.6.26 Il-President qal ukoll kif ser jibqa' xi ammont minn dan il-fond li għandhom jintnefqu l-istess bejn il-Kunsilli Lokali. Il-proġett imressaq permezz ta' talba bil-miktub minn kull Kunsill Lokali għandha tkun ta' għajnuna għall-NGOs li jaqgħu fi ħdan ir-Reġjun.

27.6.27 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri kif ser tibgħat lista bl-ismijiet ta' l-NGOs li jinstabu fi ħdan ir-Reġjun sabiex tkun ta' għajnuna.

## 27.7 Xogħol Vakanti – Clerk (Skala 15 – *Part Time)*

27.7.1 Il-President għamel referenza għal din il-vakanza li kienet miftuħa għal dawk kollha li huma rreġistrati mal-Jobsplus u kull applikant eleġibbli kelli ċ-ċans li jibgħat is-CV samhux mhux aktar tard mit-12 ta' Settembru 2019.

27.7.2 Il-President spjega kif peress li dan ir-Reġjun irċieva applikazzjoni waħda biss, is-Segretarju Eżekuttiv talbet lill-Jobsplus sabiex tintbagħat it-tieni lista ta' applikanti eleġibli.

27.7.3 Aktar informazzjoni dwar dan ser tingħata fil-laqgħa tar-Reġjun li jmiss.

## 27.8 Preżentazzjoni mid-Direttur u Fundatur ta' Culture Venture, is-Sur Toni Attard

27.8.1 Il-President sejjaħ fil-kamra lir-rappreżentanti minn Culture Venture, lis-Sur Toni Attard u lis-Sa. Valerie Visanich sabiex ikunu jistgħu jindirizzaw lill-membri dwar il-proġett CREATE 2020.

27.8.2 Is-Sur Attard flimkien mas-Sa. Visanich taw spjegazzjoni dettaljata dwar il-proġett u ħeġġeġ lill-membri preżenti sabiex jipparteċipaw fil-*workshop* li ser isir nhar il-Ħamis 3 t'Ottubru 2019 kif ukoll jibdew jgħażlu l-persuni li ser ikunu fir-*Regional Strategy Working Group* u li jżommu mad-deadlines stipulati fil-linji gwida.

27.8.3 Il-President irringrazzja lis-Sur Attard u lis-Sa. Visanich talli kienu preżenti u ħeġġeġ lill-membri sabiex jipparteċipaw f'dan il-proġett.

## 27.9 Preżentazzjoni mis-Senior Manager ta' l-Aġenzija ta' l-Għajnuna Legali fil-Gżejjer Maltin, is-Sur Bruno Zahra

27.9.1 Il-President sejjaħ fil-kamra lis-Sur Bruno Zahra sabiex jindirizza lill-membri preżenti.

27.9.2 Is-Sur Zahra ta spjegazzjoni dettaljata dwar ix-xogħol li jsir minn din l-Aġenzija u kif il-Kunsill Lokali għandu jgħaddi d-dattalji ta' din l-Aġenzija f'kaz li jiġi avviċinat mir-residenti.

27.9.3 Il-Presdient irringrazzja lis-Sur Zahra talli kien preżenti.

## 27.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

27.10.1 Is-Sindku ta' Ħ'Attard, is-Sur Stefan Cordina, sekondat mis Sindku tal-Gżira, is-Sur Conrad Borg Manche, ressaq mozzjoni sabiex jiġu approvati l-ħlasijiet tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Numru 25A u 25B.

## 27.11 Mozzjonijiet

- *Aġġornament fuq il-Mozzjoni mressqa mis-Sur Conrad Borg Manche – Problema bil-Ħamiem*

27.11.1 Il-President spjega kif nhar il-Ġimgħa 20 ta' Settembru 2019 inżammet laqgħa fejn għaliħa kienu preżenti l-President, is-Sur Michael Fenech Adami, is-Sindku tal-Gżira, is-Sur Conrad Borg Manche, is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sa. Jeanette Galea, flimkien maż-żewġ rappreżentanti mid-Dipartiment għar-Regolamentazzjoni tas-saħħa ambjentali, is-Sur Malcolm Vella Harber u s-Sur Nigel Cassar, kif ukoll il-Veterenarju Ġenerali, is-Sur Roberto Andre Balbo sabiex tiġi diskussa din il-problema.

27.11.2 Il-President spjega kif f'din il-laqgħa s-Sur Vella Harber spjega li l-Kabinet kien approva li tinħareġ sejħa t'offerti dwar din il-problema sabiex dawn il-ħamiem jinqabdu f'gaġġa u jiġu maqtula. Kien hemm qbil sabiex il-kuntatt tal-Kuntrattur jiġi

## 27.12 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

27.12.1 Il-laqgħa intemmet fis-7:15 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 29 ta' Ottubru, 2019 u fil-5:30pm.

Konfermati, illum it-Tlieta 29 ta' Ottubru, 2019.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Michael Fenech Adami<br>President | Jeanette Galea<br>Segretarju Eżekuttiv |